



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 24.5.2006
KUMM(2006) 249 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT
EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Promozzjoni tax-xogħol deċenti għal kulħadd

**Il-kontribuzzjoni ta' l-Unjoni fl-implimentazzjoni ta' l-aġenda tax-xogħol deċenti għal
kulħadd**

{SEG(2006) 643}

1. INTRODUZZJONI

F'Settembru 2005, is-Samit tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-segwitu tad-Dikjarazzjoni tal-Millennju afferma l-ħtieġa ta' globalizzazzjoni ġusta. Hu inkluda l-promozzjoni ta' impjieg produttiv u ta' xogħol deċenti għal kulħadd fost l-għanijiet tal-politiki nazzjonali u internazzjonali. B'hekk hu enfasizza r-rwol essenzjali ta' l-impjieg u tal-kwalità ta' l-impjieg fl-azzjoni kontra l-faqar u favur l-iżvilupp: minkejja ċerti progressi, nofs il-ħaddiema fid-dinja għad għandhom dħul ta' flus li jammonta għall-anqas minn 2 dollari kuljum, u nofs il-popolazzjoni dinjija għad ma għandha ebda protezzjoni soċjali¹.

Qabel is-Samit, il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew kienu appellaw biex tiġi rinforzata d-dimensjoni soċjali tal-globalizzazzjoni u biex jiġi promoss xogħol deċenti għal kulħadd, b'konformità ma' l-istrateġija ta' l-ILO f'dan il-qasam².

Il-promozzjoni tax-xogħol deċenti ilha fil-qalba ta' l-aġenda politika ta' l-ILO mill-2000: permezz ta' l-aġenda tagħha tax-xogħol deċenti, l-ILO qed tipprova li "tagħti lill-irġiel u n-nisa kollha possibiltajiet konkreti ta' aċċess għal xogħol deċenti u produttiv f'kondizzjonijiet ta' libertà, ekwità, sigurtà u dinjità umana". Din l-aġenda tax-xogħol deċenti kienet approvata mill-gvernijiet u mill-imsieħba soċjali fi ħdan l-ILO, u hi tirrappreżenta ġabra ta' linji gwida b'għan universali, u li mhumiex marbuta ma' mudell ta' żvilupp partikulari. Hi kienet inkluda fl-2004 fir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Dinjija dwar id-Dimensjoni Soċjali tal-Globalizzazzjoni (CMDSM).

L-aġenda ta' xogħol deċenti hi bbażata fuq avviċinament integrat, li jinkludi l-impjieg produttiv u magħżul b'mod ħieles, id-dritt għax-xogħol, il-protezzjoni soċjali, id-djalogu soċjali, u l-kunsiderazzjoni tad-dimensjoni tas-sessi³. Din tinkludi għalhekk id-"drittijiet soċjali fundamentali" li huma l-pedestall minimu tad-drittijiet soċjali li l-komunità internazzjonali stabbilixxiet u li l-Unjoni diġà tappoġġa l-implimentazzjoni tagħhom. Iżda din hi aktar ambizzjuża: hi qed tipprova mhux biss li tiggarrantixxi pedestall minimu ta' drittijiet, iżda wkoll li tiggwida l-iżvilupp madwar il-valuri u l-prinċipji ta' azzjoni u ta' governanza li jassoċjaw il-kompetittività ekonomika u l-ġustizzja soċjali.

L-għaqda b'dan il-mod tal-kompetittività ekonomika u l-ġustizzja soċjali hi fiċ-ċentru tal-mudell ta' żvilupp Ewropew. Il-kontribuzzjoni attiva għall-promozzjoni tax-xogħol deċenti hi parti integrali ta' l-Aġenda Ewropea u ta' l-isforzi ta' l-UE biex jiġu pproġettati l-valuri, l-iskambju ta' l-esperjenza u l-mudell tagħha ta' żvilupp ekonomiku u soċjali integrat⁴.

Bl-impenn tagħha fil-promozzjoni ta' l-aġenda tax-xogħol deċenti għal kulħadd, il-Kummissjoni tikkunsidra b'mod sħiħ l-ispeċifitajiet u d-diversità tas-sitwazzjonijiet ekonomiċi u soċjali fid-dinja. Hi tirrikonoxxi l-importanza ta' avviċinament strateġiku li jsir fażi wara l-oħra li jiffavorixxi l-approprijazzjoni mill-imsieħba u li jirrifletti l-kuntest u l-prijoritajiet fil-livell nazzjonali u reġjonali.

¹ It-tendenzi dinjija ta' l-impjiegi, 2006, ILO; Ir-rapport tas-CMDSM, 2004, ILO.

² KUMM(2004) 383; konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-dimensjoni soċjali tal-globalizzazzjoni, 3.3.2005, dok 6286/05; ir-rapport tal-PE, A 6-0308/2005 tal-15.11.2005; l-opinjoni ta' l-EESC tad-9.03.2005 u tas-CoR tat-23.2.2005; il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2004 u ta' Ġunju 2005.

³ Għad-dokumenti prinċipali ta' referenza relatati ma' xogħol deċenti, ara l-Annessi I u III.

⁴ Il-valuri Ewropej fl-era tal-globalizzazzjoni, KUMM(2005) 525.

F'din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni qed tipproponi linji gwida sabiex il-politiki u l-azzjonijiet ta' l-UE jikkontribwixxu aktar għal promozzjoni ta' l-aġenda tax-xogħol deċenti. Dawn il-linji gwida jeħtieġu t-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet Ewropej, l-Istati Membri u l-atturi kollha kkonċernati.

L-implimentazzjoni ta' l-aġenda tax-xogħol deċenti se tkun it-tema ċentrali tas-Segment ta' livell għoli tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-NU li se jsir f'Lulju 2006. B'hekk il-ħidmiet fl-aġenda tax-xogħol deċenti għandhom jtkomplew fil-livell internazzjonali u l-Kummissjoni biħsiebha tipparteċipa fihom bi sħiħ.

2. FATTUR TA' ŻVILUPP, TA' GOVERNANZA U TA' PRESTAZZJONI

Il-globalizzazzjoni u l-kambjamenti teknoloġiċi u demografiċi jwasslu modifika konsiderabbli fl-organizzazzjoni tal-produzzjoni u tal-prestazzjoni ta' servizzi fil-livell dinji kif ukoll fl-istruttura u t-tqassim ta' l-impjiegi. Dawn l-iżviluppi ppermettew biex jinfirxu l-vantaġġi ta' kummerċ internazzjonali fost numru akbar ta' pajjiżi u ta' gruppi soċjali, u huma jistgħu joffru lil kulħadd opportunitajiet u perspettivi ta' aċċess għal xogħol deċenti.

Madankollu, l-iżvilupp ekonomiku ma jirriżultax neċessarjament mill-ħolqien ta' impjiegi ġodda u l-miljorament ta' impjiegi eżistenti li għandhom inaqqsu l-faqar. Ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw għandhom ekonomija fejn jiddomina s-settur informali u l-impjiegi b'kwalità medjokri u fejn tippersisti d-duwalità fis-suq tax-xogħol b'mod partikulari fejn il-maġġoranza tal-popolazzjoni tiddependi mill-agrikultura ta' sussistenza. In-nisa, u ż-żgħażaġh, notevolment, qed jikkonċentraw fl-ekonomija informali u għandhom ftit perspettivi fil-qasam ta' dħul ta' flus, tat-taħriġ u tal-protezzjoni soċjali.

Anki fis-settur formali d-dgħjufija tas-servizzi ta' l-impjiegi, tal-governanza tas-suq tax-xogħol u tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali tnaqqas il-kapaċità biex ikunu mmaniġġjati l-kambjamenti.

Fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, it-tkabbir mhux biżżejjed biex inaqqs il-faqar ta' partijiet importanti tal-popolazzjoni. It-tkabbir tal-produttività mhux dejjem iwassal għal żieda fis-salarji. In-numru ta' impjiegi ta' kwalità baxxa u l-parti ta' l-ekonomija informali għandhom konsiderevoli. F'dawn il-pajjiżi kollha, iżda wkoll, sa ċertu punt għalkemm b'mod anqas, fil-pajjiżi industrijalizzati, il-ħaddiema ta' l-ekonomija informali jinstabu fil-fatt esklużi mid-dritt tax-xogħol u tal-protezzjoni soċjali.

Il-promozzjoni tax-xogħol deċenti teħtieġ avviciament koerenti u globali. Jeħtieġu ċertament ikunu kkumbattuti n-nuqqasijiet l-aktar urġenti fir-rigward tad-drittijiet soċjali fundamentali, bħalma hu t-tħaddim ta' tfal. Iżda jeħtieġ ukoll u fuq kollox li jiġu mmodifikati l-konfigurazzjonijiet ta' l-iżvilupp. L-esperjenza turi li l-eliminazzjoni tat-tħaddim tat-tfal tista' titwettaq ukoll permezz ta' l-azzjoni fis-suq tax-xogħol, id-djalogu soċjali u l-protezzjoni soċjali (pereżempju ta' benefiċċji għat-tfal li ma jinkoraġġixxux jew jirriduċu futuri t-tħaddim tat-tfal u li jiffavorixxu l-edukazzjoni).

Biex jonqos il-faqar, mhux biżżejjed li jingħataw għajnuniet ta' sussistenza, jew l-istennija ta' riżultati ta' tkabbir u tal-ftuħ ta' intrapriżi internazzjonali. Jeħtieġ jinħoloq ambjent adatt għall-investimenti nazzjonali u barranin li joħolqu impjiegi lokali; il-miljorament tal-governanza, inkluż id-djalogu soċjali; l-identifikazzjoni tan-nuqqasijiet fil-qasam tax-xogħol deċenti; il-ħolqien ta' qafas legali u regolamentari li jipproteġi lill-ħaddiema u li jiggarrantixxi

l-ugwaljanza bejn l-irgħiel u n-nisa; it-twaqqif ta' sistemi vijabbli ta' protezzjoni soċjali, ta' edukazzjoni u ta' taħriġ matul il-ħajja; l-assigurazzjoni tas-sigurtà legali għall-intrapriżi; it-tnaqqis tal-korruzzjoni u t-twaqqif ta' reġoli ġusti favur il-kompetizzjoni. B'hekk il-promozzjoni tax-xoġhol deċenti hi inċidentalment ukoll rikjesta mill-intrapriżi peress li dawn jikkunsidraw li r-responsabbiltajiet ma jaqawx biss fuq min iħaddem, u li l-awtoritajiet pubbliċi għandhom ukoll jassumi r-responsabbiltajiet tagħhom⁵.

Minħabba li tenfasissa l-impjieġ, il-kwalità ta' l-impjieġ u l-politiki soċjali adatti, il-promozzjoni tax-xoġhol deċenti hi fattur ta' ġustizzja u ta' koeżjoni soċjali iżda wkoll ta' prestazzjoni ekonomika.

L-affermazzjoni ta' obbjettivi ta' natura soċjali ma tista' bl-ebda mod tkun użata għal finijiet protezzjonisti. L-obbjettiv hu l-progress soċjali ġenerali u t-tqassim ġust tiegħu għall-benefiċċju ta' kulħadd.

3. IMPENJI U LINJI GWIDA GĦALL-POLITIKI TA' L-UE

L-UE hi impenjata b'mod attiv fl-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-Millennju. Hi tikkontribwixxi għat-tkabbir u għall-iżvilupp sostenibbli fil-livell dinji, notevolment permezz tal-politika kummerċjali u ta' l-azzjonijiet tagħha ta' żvilupp u ta' assistenza esterna. Hi tappoġġa r-ratifika u l-applikazzjoni effettiva mill-pajjiżi kollha tad-dinja dwar il-konvenzjonijiet dwar id-drittijiet soċjali fundamentali⁶.

Hi tista' tikkontribwixxi b'mod speċifiku għall-promozzjoni tax-xoġhol deċenti billi tpoġġi l-esperjenza tagħha u l-kompetenza tagħha għad-dispożizzjoni ta' l-organizzazzjonijiet internazzjonali u billi jkun żviluppat djalogu politiku mar-reġjuni u mal-pajjiżi terzi. Il-Kummissjoni diġà żviluppat inizzjattivi konkreti f'dan ir-rigward, pereżempju l-intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni tagħha ma' l-ILO, l-implimentazzjoni tas-sistema ta' preferenzi ġeneralizzati fil-qasam kummerċjali (SPG), l-elaborazzjoni tal-kunsens Ewropew għall-iżvilupp u l-bidu ta' djalogi dwar l-impjieġ mal-pajjiżi Asjatiċi u Latino-Amerikani.

3.1. Ix-xoġhol deċenti: impenn għall-Unjoni

L-UE elaborat, matul l-istorja tagħha, mudell ta' żvilupp ekonomiku u soċjali li jmur lil hinn mid-diversità tas-sitwazzjonijiet nazzjonali, u li hu bbażat fuq valuri u prinċipji komuni, b'mod partikulari l-obbjettiv, rikonoxxut fit-Trattat, li jiġu promossi flimkien il-progress ekonomiku u l-progress soċjali.

L-*acquis communautaire* fil-qasam ta' l-impjieġi, tal-politika soċjali u ta' l-opportunitajiet indaqs imur lil hinn, f'ħafna aspetti, min-normi u l-azzjonijiet internazzjonali li jsostnu n-nozzjoni ta' xoġhol deċenti, u hu jintegra l-prinċipji prinċipali tagħhom. In-normi ta' l-ILO jidhru fl-isfond ta' numru ta' politiki, leġiżlazzjonijiet u ftehimiet kollettivi fl-Istati Membri u fil-livell Ewropew. Barra minn hekk, in-normi u l-azzjonijiet ta' l-ILO jikkomplementaw l-*acquis* fl-oqsma li mhumiex - jew mhumiex ħlief parzjalment - koperti mil-leġiżlazzjoni u l-

⁵ Ix-xoġhol deċenti: kif jista' jsir operattiv; l-opinjoni ta' min iħaddem, 2002, - OIE (Organizzazzjoni Internazzjonali ta' Min Iħaddem).

⁶ KUMM(2001) 416; konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21.7.2003 u tat-3.3.2005; ir-rapporti tal-PE, Lulju 2003 u Novembru 2005.

politiki Komunitarji bħalma huma l-amministrazzjoni u l-ispezzjoni tax-xogħol, il-libertà trejdnjonista, in-negozjar kollettiv u n-normi minimi fil-qasam tas-sigurtà soċjali.

L-Istati Membri diġà rratifikaw numru kbir ta' konvenzjonijiet ta' l-ILO li jikkonċernaw notevolment id-drittijiet soċjali fundamentali, l-ispezzjoni tax-xogħol, l-amministrazzjoni tax-xogħol, l-impjiegi, is-sigurtà soċjali u s-salarji⁷. Ħafna bdew ir-ratifika tal-ftehimiet l-aktar reċenti (saħħa u sigurtà tax-xogħol, kondizzjonijiet ta' xogħol). Il-konvenzjoni kkonsolidata l-aktar reċenti ta' l-ILO dwar ix-xogħol marittmu (2006) hi rilevanti ħafna għad-djalogu soċjali Ewropew u l-attività normattiva ġejjiena tal-Komunità u ta' l-Istati Membri.

Hu importanti li l-Istati Membri jkomplu l-proċess ta' ratifika u ta' applikazzjoni, notevolment tal-konvenzjonijiet aġġornati. Il-Kummissjoni tinkoraġġixxi u tiffaċilita, sakemm hu meħtieġ, dan il-proċess billi tikkunsidra l-kompetenzi u l-politiki Komunitarji kkonċernati.

Lil hinn mill-objettivi ta' l-aġenda tax-xogħol deċenti, l-Istrateġija ta' Liżbona u l-Aġenda Soċjali Ewropea joffru kwadru politiku ferm aktar wiesa' għal azzjoni b'riżoluzzjoni favur l-impjiegi, l-opportunitajiet indaqs u l-koeżjoni soċjali.

3.2. Għarfien aħjar għal konvinzjoni u mobilizzazzjoni aħjar

Il-Kummissjoni se tikkoopera ma' l-ILO, in-NU u l-organizzazzjonijiet l-oħra biex tanalizza b'mod aktar profund il-problema tax-xogħol deċenti, it-titjib tal-kapaċità tal-pajjiżi msieħba f'partenarjat u l-iżvilupp ta' l-indikaturi adatti, pereżempju:

- l-identifikazzjoni tal-prattiki tajba u s-suċċessi fil-qasam;
- l-analiżijiet b'mod aktar profund tax-xogħol deċenti u ta' l-interazzjonijiet tagħhom ma' politiki oħra;
- l-iżvilupp tal-metodoloġiji biex jitkejlu l-effetti tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ u l-effetti tas-sistemi ta' produzzjoni u ta' distribuzzjoni fil-livell dinji, inkluż fiż-żoni ħielsa ta' produzzjoni, dwar ix-xogħol deċenti; it-twessigħ tal-proġett pilota li hu għaddej bħalissa ma' ILO biex jitkejjel l-impatt tal-kummerċ dwar ix-xogħol deċenti;
- l-analiżijiet b'mod l-aktar profund dwar l-impatt tal-kummerċ fuq l-iżvilupp sostenibbli (SIA);
- it-titjib tal-konnessjoni bejn l-analiżijiet, l-azzjonijiet operattivi u l-programmazzjoni ta' l-assistenza esterna; il-promozzjoni tad-djanjosijiet konġunti ma' pajjiżi u reġjuni msieħba f'partenarjat biex tkun meħjuna aħjar l-għażla tal-prijoritajiet u l-mobilizzazzjoni ta' l-assistenza esterna.

F'dan il-kuntest, il-mobilizzazzjoni tal-politika ta' r-riċerka ta' l-UE hi importanti, kemm biex jiġi promoss l-għarfien kif ukoll biex ikunu sostnu l-iżvilupp soċjali u ekonomiku.

Il-Kummissjoni tappoġġa r-ratifika u l-applikazzjoni tal-konvenzjonijiet dwar id-drittijiet soċjali fundamentali kif ukoll l-implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali għax-xogħol deċenti, kif miġfiehem fi ħdan l-ILO, jew f'dokument ta' proċedura ekwivalenti notevolment fil-kuntest ta' l-istrateġiji nazzjonali għall-iżvilupp. Il-Kummissjoni se tikkoopera ma' l-ILO,

⁷ <http://www.ilo.org/ilolex/french/newratframeF.htm>

in-NU u l-organizzazzjonijiet internazzjonali l-oħra biex jittejbu l-analiżijiet u l-iżvilupp ta' l-indikaturi relatati ma' l-implimentazzjoni ta' l-aġenda tax-xogħol deċenti.

Il-Kummissjoni se tiżviluppa l-formazzjoni u l-informazzjoni dwar ix-xogħol deċenti fi ħdan id-delegazzjonijiet tagħha fil-pajjiżi terzi u se torganizza wkoll seminars reġjonali biex jissaħħu l-kapaċitajiet ta' l-atturi.

3.3. Mobilizzazzjoni aħjar tal-politiki esterni ta' l-UE

Tkabbir

Fil-perspettiva ta' l-adeżjoni, il-pajjiżi kandidati għandhom jintegraw it-totalità ta' l-*acquis communautaire*. Filwaqt li takkompanja din l-integrazzjoni ta' l-*acquis communautaire*, l-istrateġija ta' qabel l-adeżjoni għandha tikkontribwixxi direttament għall-promozzjoni ta' l-aġenda tax-xogħol deċenti fil-pajjiżi kandidati. Hu importanti li tkun enfasizzata r-rilevanza ta' din l-aġenda għall-pajjiżi kandidati billi jkun ikkunsidrat l-impenn ta' l-UE għax-xogħol deċenti u l-komplementarjetà ta' ċerti konvenzjonijiet u strateġiji ta' l-ILO fir-rigward ta' l-*acquis communautaire*. F'dan il-kuntest il-Kummissjoni ser issostni notevolment l-inizjattivi li jikkonċernaw:

- il-promozzjoni tal-libertà trejdjunjonistika u tan-negozjar kollettiv bl-iskop li jissaħħu l-kapaċitajiet ta' l-atturi fil-qasam tad-djalogu soċjali awtonomu;
- it-tisħiħ ta' l-amministrazzjonijiet tax-xogħol, ta' l-ispezzjonijiet tax-xogħol u l-istrutturi ta' mmaniġġjar tal-protezzjoni soċjali;
- l-iżvilupp ta' l-istrateġiji ta' prevenzjoni fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà tax-xogħol.

Politika ta' viċinat, relazzjonijiet reġjonali u bilaterali

Viċinat

L-aġenda tax-xogħol deċenti hi wkoll rilevanti għall-pajjiżi koperti mill-politika Ewropea tal-viċinat, li huma impenjati fil-proċess ta' avviċinament progressiv ma' l-Unjoni, anki jekk ma għandhomx l-istess obbligi li jadottaw l-*acquis communautaire*. Il-politika ta' viċinat se tikkontribwixxi għall-promozzjoni tax-xogħol deċenti permezz ta':

- l-implimentazzjoni ta' impenji preċiżi ta' riforma fil-qasam tad-DSF, impjegi, l-affarijiet soċjali u l-opportunitajiet indaqs li jinstabu fil-pjanijiet ta' azzjoni miftiehma bejn l-UE u l-pajjiżi kkonċernati;
- id-djalogu politiku regolari li jikkonċerna dawn il-kwestjonijiet fil-qafas ta' l-istrutturi istituzzjonali maħluqa mill-ftehimiet ta' partenarjati u ta' kooperazzjoni u l-ftehimiet ta' assoċjazzjoni;
- l-implimentazzjoni tal-pjan ta' xogħol mifruq fuq ħames snin li dwaru kien hemm qbil fil-qafas tal-proċess ta' Barċellona, f'Novembru 2005, li l-mira tiegħu hi notevolment li jissaħħu s-sistemi ta' protezzjoni soċjali fil-pajjiżi tax-xtut tan-Nofsinhar tal-Mediterran;
- il-kunsiderazzjoni tagħha tad-dokumenti ta' strateġija skond il-pajjiż u r-reġjun, il-programmazzjoni tematika u strumenti oħra ta' kooperazzjoni; il-parteċipazzjoni eventwali

tal-pajjiżi kkonċernati f'ċerti programmi u fil-kooperazzjoni ma' l-aġenziji Komunitarji, skond modalitajiet li għad iridu jkunu ddeterminati.

Relazzjonijiet reġjonali u bilaterali

Il-Kummissjoni reċentement iddefinixxiet mill-ġdid ir-relazzjonijiet strateġiċi tagħha ma' l-Amerika Latina, il-Karibew u l-Afrika. Hi inkludiet elementi marbuta max-xogħol deċenti fil-proposti tagħha u se timplimentahom b'mod attiv.

Il-Kummissjoni se tapprofondixxi l-kooperazzjoni ma' l-Amerika Latina u l-Karibew fil-qasam tal-koeżjoni soċjali. Hi stabbilixxiet programmi ta' ħidma maċ-Ċili u l-Komunità Andina u qed tipprepara kooperazzjonijiet bilaterali oħra, notevolment mal-Brażil u l-Messiku. Hi se tinkoraġġixxi u ser issostni l-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi Latino-Amerikani kollha dwar dawn il-kwestjonijiet.

Il-Kummissjoni se timplimenta l-kooperazzjoni ma' l-Unjoni Afrikana dwar id-dimensjoni soċjali ta' l-integrazzjoni reġjonali u x-xogħol deċenti, u l-kooperazzjoni bilaterali ma' l-Afrika ta' Isfel. Hi se tikkunsidra x-xogħol deċenti fil-kuntest tal-Ftehim ta' Cotonou u fl-istrateġiji reġjonali (l-Afrika, il-Karibew, il-Paċifiku).

Il-Kummissjoni se tintegra wkoll dawn il-kwestjonijiet fid-djalogi politiċi mal-pajjiżi Asjatiċi. Hi stabbilixxiet fl-2005 djalogu maċ-Ċina fl-oqsma bħalma huma l-impjiegi, il-leġiżlazzjoni tax-xogħol, id-djalogu soċjali, il-protezzjoni soċjali u l-koeżjoni soċjali. Hi bdiet ukoll kooperazzjonijiet fil-qasam ta' l-impjiegi ma' l-Indja u ma' l-ASEM biex jiġi implimentat ix-xogħol deċenti fid-dinja kollha.

Il-Kummissjoni ser issostni d-djalogu soċjali fil-proċess ta' integrazzjoni reġjonali non-Ewropew li għalih l-UE qed toffri l-appoġġ tagħha.

Kooperazzjoni fl-iżvilupp

Il-kunsens Ewropew dwar il-politika ta' l-iżvilupp ta' l-UE ta' l-20.12.2005 hu d-dokument bażiku, li jimmobilizza għall-ewwel darba l-istituzzjonijiet Ewropej u l-Istati Membri sabiex dawn itejbu l-koordinazzjoni, il-koerenza u l-komplementarjetà ta' l-azzjonijiet tagħhom. Fih il-koeżjoni soċjali u l-impjieg jitqiesu bħala qasam ta' azzjoni Komunitarja u l-kunsens jistipula li l-Komunità u l-Istati Membri għandhom jiffavorixxu x-xogħol deċenti għal kulħadd.

Il-Kummissjoni ser issostni, fl-ambitu tal-programmazzjoni tematika u tal-programmazzjoni skond il-pajjiżi u r-reġjuni, l-azzjonijiet segwenti:

- l-integrazzjoni tax-xogħol deċenti fl-istrateġiji nazzjonali u r-reġjonali għall-iżvilupp u t-tnaqqis tal-faqar;
- il-kunsiderazzjoni tagħha b'mod progressiv fil-miżuri ta' sostenn baġitarju;
- il-miljorament tal-kapaċità ta' l-amministrazzjonijiet kompetenti u ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;
- l-iżvilupp ta' l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;

- l-implikazzjoni ta' l-imsieħba soċjali u tas-soċjetà ċivili fl-istrateġiji għall-iżvilupp u t-tnaqqis tal-faqar;
- it-tisħiħ ta' l-assistenza esterna għall-aġġustamenti soċjali fil-pajjiżi u r-reġjuni terzi involuti fil-liberizzazzjoni tal-kummerċ;
- il-promozzjoni tal-koerenza politika u tal-kooperazzjoni ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali rilevanti.

Ir-Regolament (KE) Nru 2110/2005 jimponi r-rispett tad-drittijiet soċjali fundamentali minn dawk li jissottomettu tenders għall-kuntratti ffinanzjati mill-għajnuna Komunitarja. Il-Kummissjoni qed tippjana li twessa' din id-dispożizzjoni għall-kuntratti ffinanzjati mill-Fond Ewropew ta' Żvilupp. Il-Kummissjoni qed tistieden lill-Istati Membri u lid-donaturi l-oħra biex jadottaw l-istess avviċinament.

L-Anness II jippreżenta eżempji ta' azzjonijiet ta' promozzjoni ta' xogħol deċenti li jistgħu jkunu żviluppati fil-qasam tal-programmazzjoni ta' l-assistenza esterna billi jikkunsidraw il-kuntest u l-ħtiġijiet tal-pajjiżi kkonċernati.

Il-kummerċ, fattur ta' żvilupp sostenibbli

Il-liberalizzazzjoni tal-kummerċ għandha tikkontribwixxi għal objettivi bħalma huma l-iżvilupp għoli, l-impjieġ sħiħ, it-tnaqqis tal-faqar u l-promozzjoni tax-xogħol deċenti.

Fil-politika kummerċjali Komunitarja, l-instrument pprivileġġjat biex jiġu promossi d-drittijiet soċjali fundamentali hu l-GSP l-ġdid u l-inċentiv speċjali tiegħu favur l-iżvilupp sostenibbli u l-governanza tajba, il-GSP + (2006-2008).

Il-GSP il-ġdid diġà ħalla effetti importanti bħall-aċċellerazzjoni tar-ratifika tal-konvenzjonijiet ta' l-ILO dwar id-drittijiet soċjali fundamentali.

Il-Kummissjoni se tpoġġi aktar il-piż kummerċjali tagħha għas-servizz tal-promozzjoni tan-normi soċjali u tax-xogħol deċenti fl-inizjattivi fil-qasam tan-negożjati kommerċjali kemm bilaterali kif ukoll multilaterali. Notevolment, hi qed tippjana biex:

- tistabilixxi artikulazzjoni aħjar bejn l-GSP, l-GSP+ u l-assistenza esterna Komunitarja;
- tikkunsidra d-dimensjoni soċjali u tax-xogħol deċenti u r-rakkomandazzjonijiet ta' l-istudji ta' l-SIA fin-negożjati kummerċjali bilaterali u reġjonali (inklużi l-APE/EPA mal-pajjiżi ta' l-AKP, il-Mercosur, il-Kunsill għal Kooperazzjoni fil-Golf, il-MED, l-Amerika Ċentrali);
- timmobilizza l-politiki u l-istrumenti ta' l-UE bħalma hi l-assistenza esterna biex jiġi promoss ix-xogħol deċenti fil-kuntest ta' sistema ta' kummerċ miftuħ;
- issegwi l-avviċinament relatat ma' l-interazzjoni bejn il-kummerċ, id-drittijiet soċjali u l-impjieġi ppreżentat fl-2004 fis-sottomissjonijiet favur il-mekkaniżmu ta' reviżjoni tal-politika kummerċjali; u tinkoraġġixxih fi ħdan il-pajjiżi membri l-oħra tad-WTO;
- tippromwovi l-kooperazzjoni bejn id-WTO, il-UNCTAD, l-ILO u organizzazzjonijiet rilevanti oħra.

3.4. Promozzjoni tal-governanza internazzjonali u multilaterali

It-tisħiħ tal-governanza internazzjonali u multilaterali hu indispensabbli għal promozzjoni tad-dimensjoni soċjali tal-globalizzazzjoni u ta' l-approprijazzjoni ta' l-aġenda tax-xogħol deċenti mill-imsieħba fil-partenarjati.

Fil-kooperazzjoni ekonomika u soċjali

Il-Kummissjoni qed issostni djalogi mibdija reċentement bejn l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali (IFI), l-ILO, in-NU u d-WTO, relatati mal-komplementarjetà u l-koerenza tal-politiki tagħhom u ma' l-interdipendenzi bejn l-iżvilupp ekonomiku, l-investimenti, il-kummerċ u x-xogħol deċenti. Hi qed tappella lil dawn l-organizzazzjonijiet u lill-G8 biex jikkontribwixxu għall-promozzjoni tax-xogħol deċenti fil-konċepiment u l-implimentazzjoni tal-politiki, strateġiji u strumenti tagħhom.

Hi se tintensifika l-kooperazzjoni tagħha ma' l-ILO.

Il-Kummissjoni se tikkontribwixxi fil-ħidmiet tan-NU dwar l-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tas-Samit ta' l-2005 relatati ma' l-impjeg produttivi u max-xogħol deċenti, u b'mod partikulari mal-ħidmiet tas-Segment ta' livell għoli tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-NU (ECOSOC) fl-Lulju 2006.

Immaniġġjar aħjar tal-migrazzjonijiet ekonomiċi

L-immaniġġjar tal-migrazzjonijiet ekonomiċi jeħtieġu kooperazzjoni bejn il-pajjiżi u bejn ir-reġjuni ta' oriġini, ta' tranżitu u ta' destinazzjoni u ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali (ILO, IOM, NU).

Il-Kummissjoni adottat fl-2005 pjan ta' azzjoni fil-qasam ta' l-immigrazzjoni ekonomika legali. Hi ssostni l-isforzi li qed isiru bl-iskop ta' avvċinament koerenti għall-migrazzjonijiet internazzjonali, bħalma hu r-rapport tal-Kummissjoni Dinjija dwar il-migrazzjonijiet internazzjonali (2005) u l-pjan ta' azzjoni dwar il-ħaddiema migranti ta' l-ILO (2004). Hi se tikkontribwixxi għall-preparazzjoni tad-Djalogu f'livell għoli tan-NU dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp (2006).

Sabiex il-politika ta' migrazzjoni ta' l-UE tikkontribwixxi għall-iżvilupp jeħtieġ li jiġi ffaċilitat l-ibgħit tal-fondi lejn il-pajjiżi ta' oriġini u l-kontribuzzjonijiet tagħhom għall-iżvilupp ta' dawn il-pajjiżi, il-mobilizzazzjoni tad-dijaspori, l-inkoraġġiment tal-migrazzjoni ċirkulari, it-tnaqqis ta' inċidenzi negattivi u tat-“telf ta' l-aħjar imħuħ” u l-limitazzjoni b'mod responsabbli tar-reklutaġġi li jsiru għad-detriment ta' l-iżvilupp fis-setturi ffaċċjati minn nuqqas ta' ħaddiema kkwalifikati, notevolment dak tas-saħħa⁸.

Jeħtieġ barra minn hekk li jkunu meġġjuna l-pajjiżi kkonċernati biex jimmaniġġjaw aħjar l-influssi migratorji, biex jiproteġu lill-migranti mill-esplojtazzjoni u biex jittrattaw aħjar il-migranti li jabitaw fit-territorju tagħhom. Il-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-persuni umani hi parti minn dawn l-isforzi.

⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 'Migrazzjoni u Żvilupp: linji gwida konkreti' (KUMM(2005) 390, 1.9.2005).

Il-Kummissjoni qed tpoġġi wkoll għad-dispożizzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali l-esperjenza twila tagħha fil-qasam tal-moviment ħieles tal-ħaddiema u tal-promozzjoni tad-drittijiet, tal-politika ta' l-immigrazzjoni u ta' l-integrazzjoni tal-migranti.

3.5. Ħidma flimkien mas-soċjetà ċivili u l-intrapriżi

Imsieħba soċjali, djalogu soċjali u partenarjati

Il-Kummissjoni se tappoġġa:

- it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tekniċi ta' l-imsieħba soċjali u tas-soċjetà ċivili;
- l-iżvilupp ta' l-istituzzjonijiet, il-mekkaniżmi u l-prattiki li l-mira tagħhom hi li jiffaċilitaw u li jsaħħu l-proċess ta' djalogu soċjali kemm bipartit u tripartit;
- involviment aħjar ta' l-imsieħba soċjali u ta' l-atturi l-oħra tas-soċjetà ċivili fil-governanza dinjija (WTO, IFI) fuq il-mudell konsultattiv ta' l-OECD;
- il-konklużjoni ta' ftehimiet kollettivi transnazzjonali u ta' oqsfa ta' ftehimiet dinjija.

Responsabbiltà soċjali ta' l-intrapriżi (CSR):

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi r-rwol importanti tas-CSR, li hu komplementari għal-leġiżlazzjoni, in-negozjar kollettiv u l-kontroll tal-kondizzjonijiet ta' xogħol. Hi tikkunsidra li l-kodiċijiet ta' mgħiba u strument oħra tas-CSR għandhom jistrieħu fuq strumenti li hemm qbil dwarhom fil-livell internazzjonali (OECD, ILT).

Il-Kummissjoni se tkompli tippromwovi s-CSR. Hi qed tistieden l-intrapriżi, l-Alleanza Ewropea għas-CSR⁹ u l-partijiet l-oħra interessati li jiżviluppaw inizzjattivi bl-iskop li jikkontribwixxu għall-promozzjoni tax-xogħol deċenti għal kulħadd.

4. KONKLUŻJONIJIET

Il-promozzjoni tax-xogħol deċenti jagħmel parti mill-isforzi ta' l-UE favur il-promozzjoni u qsim tal-valuri u l-esperjenzi tagħha.

L-UE u l-Istati Membri kkontribwixxew għall-affirmazzjoni ta' dan l-obbjettiv fil-konklużjonijiet tas-Samit tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-2005.

Il-Kummissjoni qed tippjana li tikkontribwixxi b'mod determinat għall-implimentazzjoni ta' dan l-obbjettiv, b'kollaborazzjoni mill-viċin ma' l-atturi kkonċernati, pajjiżi u reġjuni imsieħba f'partenarjati u organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali. Hi qed tistieden lill-istituzzjonijiet l-oħra ta' l-UE, l-Istati Membri, l-imsieħba soċjali u l-atturi kollha biex jikkooperaw favur il-promozzjoni tax-xogħol deċenti għal kulħadd fid-dinja kollha.

Hi se timmobilizza għal dan l-effett il-politiki esterni, l-għajnuna tagħha għall-iżvilupp u l-politiki kummerċjali. Hi tappella mhux biss għar-rispett tad-drittijiet soċjali fundamentali iżda wkoll għall-implimentazzjoni f'kull pajjiż ta' programmi ambizzjużi għal promozzjoni tax-

⁹ KUMM(2006) 136.

xogħol deċenti. Hi se taħdem ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali biex telabora indikaturi ta' segwitu għall-isforzi ppjanati.

Il-Kummissjoni se tistabbilixxi bilanċ tas-segwitu ta' din il-Komunikazzjoni qabel is-Sajf 2008.